Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8792 — T-Mobile NL/Tele2 NL)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 162/06)

1. Fit-2 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— T-Mobile Netherlands Holding B.V. ("TMNL", in-Netherlands) ikkontrollata minn Deutsche Telekom AG (il-Ġermanja); kif ukoll

— Tele2 Netherlands Holding N.V. ("Tele2 NL", in-Netherlands).

TMNL takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Tele2 NL kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— TMNL: TMNL tipprovdi servizzi tat-telekomunikazzjonijiet permezz tas-sussidjarji li huma kollha proprjetà tagħhom, jiġifieri T-Mobile Netherlands B.V. u T-Mobile Thuis B.V. (TMT), lil klijenti privati u kummerċjali fin-Netherlands. TMNL hija s-sid ta' netwerk tal-mobile b'kopertura nazzjonali li jipprovdi servizzi tal-komunikazzjoni tal-mobile 2G, 3G, 4G u NB-IoT. TMT tipprovdi servizzi fissi bl-imnut, inklużi l-broadband Internet, it-TV u servizzi tat-telefonija fissa bbażati fuq servizzi tal-aċċess bl-ingrossa. Sussidjarja oħra ta' TMNL toffri kreditu lil klijenti privati tas-settijiet tal-idejn.

— Tele2 NL: Tele 2 NL hija fornitur tat-telekomunikazzjoni li topera fin-Netherlands operatur tan-network tal-mobile 4G biss, billi tipprovdi servizzi bil-vuċi, tad-dejta u tal-messaġġi, kif ukoll servizzi ta' broadband fiss. Tele2 NL tipprovdi servizzi lil negozji u klijenti residenzjali u sa ċertu punt lil fornituri oħra tat-telekomunikazzjonijiet. Is-sussidjarji ta' Tele2 NL iħaddmu wkoll network ta' ħwienet tal-bejgħ bl-imnut fin-Netherlands u joffru kreditu lil klijenti privati għas-settijiet tal-idejn.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8792 — T-Mobile NL/Tele2 NL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks: +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").